PDF Compressor Pro



Il-Grupp ta' Verna iferraħ lil dawk preżenti bid-daqq folkloristiku tiegħu

It-Tielet Edizzjoni tal-Festival tat-Tin fix-Xagħra

Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra, organizza t-tielet edizzjoni tal-festival tat-tin, bl-għan li jippromwovi t-tin u prodotti tipiċi Maltin. Il-Kunsill tax-Xagħra hu l-uniku Kunsill Malti msieħeb fin-*network* '*ficusnet*'. *Network* ta' rħula u bliet Ewropej li jipproduċu t-tin bħala wieħed mill-prodotti tipiċi tagħhom.

Delegazzjoni mill-Kunsill ta' San Michele Salentino mmexxija mis-Sindku Signor Pietro Epifani attendiet għal dan il-festival. Il-Kunsill Lokali tax-Xagħra hu ġemellat ma' dan il-Kunsill fl-Italja.

Fis-sala Dun Alwig Camilleri, fil-Każin tal-Banda Victory saret konferenza dwar il-metodi ta' kultivazzjoni tat-tin. Sar ukoll kunċert mużikali mill-band *The Voodoo Gurus* fi Pjazza l-Vitorja.

Fil-festival wieħed seta' jsegwi wirja ta' prodotti magħmulin mit-tin u prodotti tipiċi oħra, f'Misraħ il-Vitorja. Ħafna kienu dawk li xtraw minn dawn il-prodotti, fosthom biskuttini tradizzjonali tar-raħal, il-ġulepp tal-ħarrub u ħelu tradizzjonali Malti. Ferrħu b'daqq u żfin lil kull min mar, il-Grupp ta' Verna u l-Grupp Folkloristiku Xagħra.



Il-banda Zurich Jumurz Jugendband

Programm Mużikali fi Pjazza t-Tokk

Nhar il-Ħadd filgħodu, 7 ta' Ottubru, il-Banda Ċittadina Leone daqqet programm mużikali konġunt fi Pjazza Indipendenza (It-Tokk) flimkien mal-banda Zurich Jumurz Jugendband – banda taż-żgħażagħ, komposta minn 55 żagħżugħ u żagħżugħa, t'etajiet bejn id-9 u t-22 sena, li fost strumenti oħra kienu jinkludu wkoll żewġ vjolinċelli.

Il-banda Żvizzera daqqet diversi siltiet mużikali allegri minn musicals, marċ tradizzjonali Żvizzeru u siltiet oħra virtuoso b'xogħolijiet sbieħ fuq strumenti solisti u fuq il-banda inġenerali. Il-Banda Leone, taħt it-tregija ta' Mro. Colin Attard, min-naħa tagħha esegwiet fost l-isbaħ siltiet u l-aktar siltiet li ġabulha suċċess fl-aħħar Leone Goes Pop. Taħt it-tmexxija tas-surmast Żvizzeru, Franz Honegger, iż-żewġ baned daqqew flimkien l-arranġament tal-kanzunetta *My Way*.

Fil-bidu tal-programm mużikali li sar biż-żewġ baned skjerati fi Pjazza t-Tokk jagħtu daharhom lill-monument tal-gwerra, tkellmet il-President tal-Banda Żvizzera li rringrazzjat lit-tmexxija tas-Soċjetá Leone talli għoġobha tilqa' l-istedina tal-Banda Żvizzera. Hija ferħitilna wkoll fl-okkażjoni tal-150 sena mit-twaqqif tagħna bħala l-ewwel banda f'Għawdex. L-indirizz tal-Presidenta tal-banda minn Żurich, kien segwit u reċiprokat mill-President tal-Banda Leone Dr Michael Caruana, fejn huwa wkoll radd il-ħajr lil din il-banda, ferħilha fl-okkażjoni tal-mawra tagħha f'Ghawdex u stedinha sabiex iżżur lit-teatru Aurora li bħalissa huwa ċentru ta' attivitá mill-ikbar. Iż-żewġ Presidenti ppreżentaw rigali lil xulxin.



Il-Banda Ċittadina Leone

MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Is-Sindku Signor Pietro Epifani waqt kelmtejn qosra tal-okkażjoni fi Pjazza l-Vitorja. Jidher ukoll is-Sindku tal-Lokalità tax-Xagħra, Joe Cordina (lemin)




Uħud minn dawk preżenti fil-Pjazza tax-Xagħra, isegwu u jixtru l-prodotti



Uħud mit-tfajliet li jiffurmaw il-Grupp Folkloristiku Xagħra waqt il-preżentazzjoni tiegħu

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald**
PO Box 330 Merrylands NSW 2160
jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**
Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna